## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 27 ta' Settembru, 2017**

**Talba Nru: 235/2017PM**

**Andrew Doublesin (1180(M))**

**Vs**

**Otto Malta Limited (C44085)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-hamsa (5) ta' Mejju, elfejn u sbatax (2017) illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames elef euro (€5000) rapprezentanti salarju mhux imhallas mis-socjeta` intimata lill-istess attur ghax-xhur kollha li jmorru minn Jannar sa Mejju tas-sena 2015 bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess socjeta konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tal-lum.

Sema’ x-xhieda tal-attur li kkonferma il-fatti indikati minnu fl-avviz tat-talba u cioe` li:

L-attur kien impjegat mal-konvenuta bhala *Applications Manager* mit-13 t’Awwissu, 2008 u sussegwentement promoss ghall-kariga ta’ *Chief Operations Officer* b’effett mill-1 ta’ Marzu, 2010.

Is-socjeta` konvenuta naqset milli thallas is-salarju tal-istess attur ghax-xhur kollha minn Jannar sa Mejju, 2015

L-attur qieghed jirrinunzja ghal dik il-parti tas-salarju li teccedi s-somma mitluba ta’ hamest elef euro (€5000).

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata s-socjeta` intimata naqset milli tattendi ghas-seduta tal-lum u lanqas prezentat ebda risposta ghat-talba kif dedotta mill-attur.

Illi mix-xhieda moghtija mill-attur jirrizulta li t-talba odjerna hija gustifikata u jisthoqqilha li tintlaqa’. Fir-rigward tal-imghaxijiet dawn ghandhom jigu komputati b’effett mid-data tan-notifika tal-avviz odjern lis-socjeta` intimata u dana u in linea ma’ dak deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet ‘**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**’ fis-17 ta’ Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz u mhux mid-data tal-introduzzjoni tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ it-talba tal-attur u kwindi, filwaqt li jsib li s-socjeta` intimata hija debitrici favur l-attur ghas-somma ta’ hamest elef euro (€5000), jikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas lill-attur l-imsemmija somma ta’ hames

elef euro (€5000) rapprezentanti salarju mhux imhallas u dovut mis-socjeta` intimata lill-istess atturi bl-ispejjez tal-proceduri odjerni u wkoll bl-imghaxijiet legali sa mid-data tan-notifika tal-kawza odjerna lis-socjeta` intimata kontra l-istess socjeta` intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**